Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru. 538/2007

Il- Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
(Spettur Stephen J Gatt)

-vs-

Adel Ismail A. Zukra

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra, Adel Ismail A. Zukra ta' 27 sena bin Ismail u Zaira nee', imwieled Tejora gewwa Libja fl- 24 ta' Frar 1980 u b' indirizz, numru tal- Passaport 590448.

Talli bejn il- 21 ta' Gunju 2007 u 22 ta' Gunju 2007 minn gewwa dawn il- gzejjer ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Toyota bin- numru ta' registrazzjoni LAC 169

ghad- dannu ta’ l- istess sid Kamal Abdel Gany minn Tas- Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- hin, bix- xorta tal- haga misruqa u bil- valur li jecccedi l- elf lira Maltin, dan bi ksur tal- artikolu 261(b),(c),(f) u (g), 263 (a), 267, 270, 271(g) u 278 (b) tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli, fl- istess dati, hin lok u cirkostanzi f’ dawn il- Gzejjer, b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jiew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe’ fuq vettura tal- ghamla Citroen b’ numru tar- registrazzjoni SZA 167 ghad- dannu ta’ Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi LL.D. min Naxxar u fuq vettura ta’ l- ghamla Toyota b’ Numru tar- registrazzjoni LAC 169 ghad- dannu ta’ Kamal Abdel Gany minn Tas- Sliema, u dan bi ksur tal- Art 328 (d) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli, fl- istess dati, hin lok u cirkostanzi, f’ dawn il- Gzejjer irrifjuta li jaghti, jew tagha falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id- dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod jew parikolaritajiet ohra u dan bi ksur ta’ Art 338(g) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli, fl- istess dati, hin lok u cirkostanzi, f’ dawn il- gzejjer saq vettura b’ numru tar- registrazzjoni LAC 169, b’ manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal- art. 15(1) (a)(2), 18(2) tal- Kap 65 tal- Ligijiet ta’ Malta. Ghaldaqstant il- Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija tissospendi lil Gima Zokra milli jzomm kwalunkwe xorta ta’ licenzja tas- sewqan.

U aktar talli, fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’ dawn il- gzejjer saq vettura b’ nurmru tar- registrazzjoni LAC 169, minghajr ma kellu licenzja tas- sewqan mahruga mil- Kummissarju tal- Pulizija jew mill- awtorita’ dwar it- trasport ta’ Malta u dan bi ksur tal- Art. 15(1)(a)(3) tal- Kap 65 tal- Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli, fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’ dawn il- Gzejjer ma kienx kopert b’ polza ta’ sigurta dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal- art 3 tal- Kap 104 tal- Ligijiet ta’



KOPJA INFORMALI

Malta. Il- Prosekuzjoni talbet li l- imsemmija persuna tigi skwalifikata milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas- sewqan ghall- perjodu ta’ mhux anqas minn 11 il- xahar.

U aktar talli, fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’ dawn il-Gzejjer waqt li kien involut f’ accident tat- traffiku, naqas li jieqaf fuq il- post u jghati l- partikolaritajiet tieghu lill-persuna l- ohra u dan bi ksur ta’ l- art. 67 tal- MVR;

U aktar talli, fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’ dawn il-Gzejjer saq jew ipprova jsuq jew kellu l- kontroll ta’ *‘motor car’* li kienet fit- triq jew f’ post pubbliku iehor meta ma kienx f’ kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga u dan bi ksur ta’ l- art. 15A (1) tal- Kap 65 emendat bl- att nru. VI ta’ l- 1998;

U aktar talli, fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’ dawn il-Gzejjer, ipprova jsuq jew kien fil- kontroll ta’ *‘motor car’* li kienet fit- triq jew f’ post pubbliku iehor waqt li kien ikkonsma tant alkohol li l- proporzjon tieghu fin- nifs, fid-demm jew fl- urina kien izjed mill- limitu preskritt u dan bi ksur tal- art 15B tal- Kap 65 emendat bl- Att VI tal- 1998;

Rat id-dokumenti prezentati nkluz l-istqarrija ta’ l-imputat.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278(3), 328(d) u 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a)(2)(3), 15A, u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijijet ta’ Malta, ir-regolament 67 ta’l-Avviz Legali 128/1994 ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur, u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijet ta’ Malta.

Ikkunsidrat

Illi fis-seduta mizmuma minn din l-Qorti fil-25 ta’ Gunju 2007 deher il-parte civile Kamal Abdel Gany u ddikjara li huwa jafher lill-imputat ta’ l-akkadut u irrununzja ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli. F’l-istess seduta



KOPJA INFORMALI

deher ukoll l-parte civile l-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi li ddikjara li issa huwa thallas tad-danni minnu sofferti minnu u li qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Illi fic-cirkostanzi l-procediment fir-rigward tat-tieni imputazzjoni huwa esawriet stante li din hija prosegwibbli biss fuq kwerela tal-parte leza.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu, anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu, ghalhekk dawn l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Fuq naha hemm n-natura tar-reati kommessi mill-imputat. Fuq in-naha l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u mill-ewwel ammetta l-akkadut mhux biss f’l-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija imma anke f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Huwa in oltre ghandu fedina penali netta u l-karrozza misruqa giet ritornata lil sidha. Dan, Kamal Abdel Gany, hafer lill-imputat ta’ l-akkadut.

Illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278(3), 328(d) u 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a)(2)(3), 15A, u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijijet ta’ Malta, ir-regolament 67 ta’l-Avviz Legali 128/1994 ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur, u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tiddikjara l-procediment fir-rigward tat-tieni imputazzjoni esawriet, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ tmien (8) xhur liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ sentejn (2) snin. In oltre l-imputat qed jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------